# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI L POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

133. | 18 ta' MARZU 1911. | IT-TIELET SENA



FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


## IL CURA TA'S-SAŬ[M]

Jiena sgur li malli ingħidilcom li is-saŭm hu ŭaħda m'il aħjar hŭejjeġ biex tfejjku il mardijiet tagħcom u biex tgħixu b'saħħitcom li tinfexxu tidħku u li tgħidu li issa tasseŭ ŭasalt biex ijġorruni marbut f'Ŭied Incita. Idħku chemm tridu u għidu contra tiegħu chemm tifilħu, xejn ma jcun ġara, iżda ŭara isimgħuni ħalli meta taraŭ chemm tobba barra minn Malta kiegħdin ijfejjku nies b'is-saŭm biss tintebħu li chien ħakkcom min jidħak b'il kalb bl-injuranza ta' bosta minncom u m'hux bija.

Dac li sejjer ingħidilcom, kabel stampajtulcom, ippruvajt għal sentejn sħaħ fuki u fuk marti u għalhecc tiegħu, bħal ma għad infehimcom actar il kuddiem, nista nati il provi il min jieħu dina il ħaġa b'id-daħk jeŭ b'iż-żuffjett.

Mela meta tisbgħu iżżommu żakkcom b'id-daħk u troddu is-slaleb isimgħuni u jecc ŭara jcun hemm xi ħadd li jitħajjar jagħmel bħali jiena haŭn dejjem imħejji biex, għall ġid, natih dakka t'id.

* * *

Upton Sinclair hu romanzier american famus u fost il cotba sbiħ u imsemmija li għandu hu magħruf ma'd-dinja collha il «JUNGLE» tiegħu. Dana il chittieb chien kankal id-dinja collha, ftit snin ilu, meta chixef xi kżież ta' laħam chienu jagħmlu f'il caxxi ta'l-landa u li xi dakkiet chien ijcun fihom, sa laħam ta'l bniedmin ucoll! Minn xi żmien l-haŭn dana Upton Sinclair, billi chien marid ħafna u fiek b'is-saŭm biss bħal ma bih fejjak il martu, ma hux ħlief jicteb fl-aħjar gazzetti u magazines inglżi fuk dina il cura tant ħafifa, irħisa u ta'l għaġeb, u jiena biex nibda sejjer ingibilcom l-aħjar li kal f'żeŭġ articoli sbiħ ħafna li dehru fuk il LONDON MAGAZINE ta' Frar u Marzu ta' dina is-sena b'it-tama kaŭŭjja li jogħġobcom ħafna dana it-tagħlim ġdid u li meta timxu fuku jcunilcom ta' ħafna ġid.

* * *

Dana jibda biex ijgħidilna li issa ilu ma'l GHAXAR SNIN li fejjak lilu in-nifsu u lil ħafna nies minn ta' ma' dŭaru b'il cura ta's-saŭm biss; u li hu, għad li kabel chien dejjem imgħaxxex u jtabbab minn mindu għamel din il cura dejjem sab ruħu b'saħtu donnu fart u ħieni u katt ma ħass xejn actar minn daŭc il mardijiet li chien jħoss kabel u li chienu tant takklulu ħajjtu. Mela dina il cura f'idejh kdiemet ġa għal għaxar snin u għalhecc jista jgħidilna xi ħaġa fukha seŭŭa u jidhirli li aħna għandna jcollna il għakal li għall ġid cbir ta' saħħitna għandna nisimgħuh.

* * *

Jecc tistaksi il mitt ruħ li tiltaka magħhom cull jumchif inhuma, ħamsa u disgħin f'il mija jġemgmulec li jbatu b'xi ħaġa. Chiecu daŭna jagħmlu il cura ta's-saŭm seŭŭa jisgurana li disgħin minnhom għandhom ijfieku u jitbiddlu fl-actar nies ħienja ta'd-dinja. Mela għala ma tippruvaŭx, bħal ma għamilt jiena dina il cura li minnha ma tistgħux taraŭ ħlief ġid, u ġid cbir? La Upton Sinclair u lankas jiena ma kiegħdin nirraccomandaŭlcom xi medicina patentata biex nakilgħu xi ħaġa minnha, iżda it-tnejn, b'il ħrara ta' klubna collha, sejjrin inħajjrucom u inŭiddbucom biex tagħmlu dina il cura li fiha m'hux talli ma tonfkux flus iżda tiffrancaŭhom bla ma aħna incnnu daħħalna xejn f'il but.

* * *

Upton Sinclair jibda biex ijgħidilna chemm chien ijbati dejjem bl-ugiegħ ta' ras u ta' stoncu kabel ma ġarrab dina il cura tant ħafifa daks li hi ta'l għaġeb. Jgħidilna ucoll li dam snin kabel ijbagħbas b'chemm ricetti u medicini patentati ir-

# AKRAU

L-EUUEL TAKSIMA

TA'R-ROMANZ MALTI ORIGINALI

# "IS-SAHHAR FALZUN"

TA'

AGOSTINO LEVANZIN

GHALIEX TOGHGOBCOM SGUR.

---

# IL CAUCAU BENSDORP

HU GARANTIT PUR

MINN GHAJR EBDA MATERJA GIRASSA

gha'r-RANDAN

Jimbiegh minn ghand l-Agenti tieghu

**BISS**

# C. CAMILLERI & SONS

50 u 51 Strada Mercanti il Belt

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caûba.**

**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA



Biex tinzammu b'sahhitcom

# IPPURIFICAU

# BIDDLU

# u SAHH'HU

DEMMCOM

BID

# DEPURATIV

# RICHELET

Daûc collha li jridu iccurau rûiehhom u jinzammu dejjem b'sahhitom minnghajr ma jinhakru b'cull xorta ta' mardijiet ghandhom jiehdu DARBTEJN jeû TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn ghand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haûn Malta jinxtara minn ghand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26. Il Belt.



# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

ghandu ghal bejh cull xorta ta' hgieg, zebgha, zjut, imsiemer, ghodod, hûejjeg ta's-Sanità, ta' gass, forniment ta't-tûiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilghu b'il inatel b'daûl kaûûi u sabih ûisk u hafna hûejjeg ohra bhal daûn ta'l ahjar qûalità u bi prezzijiet m'il orhos. Ippruvaû biex taraû chif tohorgu cuntenti sgur.



# L=OSSIGENU

li illum hu tant uzat f 'il mard, dari chien ijsir fl-ispizzeriji m'il ispizzjari stess; izda sabu li ma chienx johrog pur b'iz-zejjed u ghalhecc ma chienx jaghmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqûida) sab chif minn dina l-arja liqûida johrog l-

## OSSIGENU PURISSIMU

u saret socjetà ghal dina il haga li kieghda tforni lill ispizzjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' htiega.

HAUN MALTA

ma nafux li ghandu minnu hlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

**Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.**

u ghalhecc cull min ijcollu bzonn ta' dana l-ossigenu pur f 'loc li jokghod jistenna li jlestuhulu fi spizzeriji ohra jsibu lest ghand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat hafna.





Min hu marid bi-ANEMIJA (nakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN gurnata jiehu

**L' ELIXIR**

# TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ûara ghaxar snin ugiegh ta' ras kaûûi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun ghaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaûûija. Daûna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaûh fukhom stess jeû fuk xi hadd iehor u hargu jiftahru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u hafna ohrajn.

Jinbigh fl-ispizzerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.



# IS=SECLU TA'N=NERVI.

**Hecc sejjah is-seclu taghna il gharef Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-ragûn collu ghaliex il-lum ma haûn hadd li ma hux mahsus b'in-nervi u l-actar b'il mishuta**

## NEVRASTENIJA

**li kieghda iggorr nies il Manicomju gozz, gozz. Ghalhecc l-ahjar tobba kieghdin jithabtu biex isibu cura seûûa ghal dina il marda ghaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaû izda hadd ma irnexxa daks il gharef u imfahhar**

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ûara studju cbir sab il famus**

## ANTINEVROTICU

**li kieghed ijfejjak jeû jaghmel il gid lil cull min juzah.**

**F'Malta dan ijbighu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**JIPPRUVAÛH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**


In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.